**Kunsill Lokali Paola**

Ref: 31/6/194/14

**Minuti tal-Laqgha Nru. 31 tas-Sitt Legislatura**

Il-Kunsill ltaqa' fl-ufficini amministrattivi, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar l-Erbgha 5 ta' Frar 2014. Il-laqgha bdiet fil-5.30pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Roderick Spiteri, il-Vici-Sindku Dominic Grima, il-Kunsillier Ray Attard, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch, il-Kunsillier Tyrone Muscat u l-Kunsilliera Rita Delezio.

Il-Kunsillier Steve Axisa kien skuzat. Il-membri tal-Kunsill accettaw li jkun skuzat fuq ragunijiet personali.

Kien hemm prezenti wkoll l-*Acting Secretary* Kevin Borg, l-iskrivana Alison Panzavecchia u l-Ambaxxatur taz-Zghazagh Neil Joseph Tirchett.

## 1) Minuti

**Minuti tal-Laqgha Urgenti Nru .29 tas-Sitt Legislatura**

1.1 – Dawn il-Minuti gew approvati nem.com

## 2) Korrispondenza

2.1 – Ittra minn Paola Parish Church – Is-Sur Eman Camilleri baghat ittra biex il-Kunsill Lokali Paola jiehu sehem fl-attivita' tal-Karnival flimkien mal-Kummissjoni Festa Kristu Re u jinghataw xi trophies ghall-karnival. Il-membri prezenti approvaw.

2.2 – Ittra minn Paola Primary A - l-Assistant Kap tal-iskola, Ms.Pauline Lombardo baghtet ittra biex il-Kunsill jghinhom u jaghmel reklam fil-ktieb tal-iskola Skolarinu. Il-membri approvaw li jsir reklam ta' €100 .

2.3 – Ittra mill-Grupp "The Echoes" – Dan il-Grupp ser jiccelebraw 50 sena anniversarju mit-twaqqif taghhom. Fl-okkazjoni, ser johorgu ktieb kommemorattiv. Il-membri tal-kunsill qabblu li jirrekklamaw f'dan il-ktieb u tinghata token ta' l-okkazjoni.

2.4 – Ittra dwar *Claim* fi Triq il-Bacir, Paola minn Ms Claudine Spiteri – Is-Sindku qal li fuq dan il-kas tkellem mal-Avukat tal-Kunsill, Dr.Luciano Busuttil u tah parir biex din il-*claim* tithallas. Il-Kunsill qabel li din ghandha tithallas.

2.4.1 – Is-Sindku qal ukoll li dwar dan ser tintbaghat ittra lil TM.

2.5 – Ittra minn *Paola Police Station* – Is-Supretendenta Ms Sharon Tanti baghtet ittra dwar applikazzjoni biex jintrama’ c-cirku on ice fill-parking area ta’ hdejn ic-Cimiterju tal-Addolorata mis-Sibt 6 ta’ Dicembru 2014 sal-Hadd 4 ta’ Jannar 2015. Wara diskussjoni, is-Sindku talab vot ta’ min jaqbel u min ma jaqbilx. 4 Kunsilliera oggezzjonaw li jintrama’ minhabba li l-post fejn ser jigi armat filwaqt li l-Kunsilliera Attard u Lynch oggezzjonaw ukoll jekk ser ikun hemm l-annimali.

2.6 – Ittra mid-DLG dwar Memo 4/2014 – Ghajnuna lill-Kunsilli Lokali li ghandhom ir-Responsabbilta’ ta’ Librerija Lokali - Gie deciz li l-Kunsill jippartecipa f’din l-iskema.

## 3) ***Traffic Management System***

3.1 – Il-Vici-Sindku Dominic Grima qal li l-parking fil-bidu ta’ Triq il-Knisja baqa’ kif kien u ghadu ma nqelibx fuq in-naha l-ohra tat-triq. Hu zied jghid li jekk ix-xoghlijiet tlestew, il-parking ghandu jerga’ jsir kif kien qabel. Il-kaxxa safra ghandha terga’ tigi bajda.

3.2 - Is-Sindku ppropona li diversi toroq fosthom Triq Lampuka, Triq San Guzepp, Triq Sammat, Triq ic-Cimiterju, Triq Nazzarenu w ohrajn isiru *one-way* bi prova ta’ xahar ghall-ewwel u lid war dan ser jintbaghtu ittri lir-residenti biex ikunu nfurmati. Hu kompla jghid li ser jitlob quotations ta’ tabelli lil TM.

3.2.1 – Il-Kunsillier Attard issuggerixxa li t-tabelli fit-toroq jsiru mdendlin u mhux imwahhlin mal-hitan jew *poles*.

3.3 – Live Streaming – Il-Kunsill Lokali Paola hareg *quotation* dwar dan u giet mitfugha 1 biss, dik ta’ AID Ltd. Wara diskussjoni, il-membri approvaw din il-*quotation*.

## 4) **Pagamenti**

4.1 – L-Agent Segretarju ressaq il-lista tal-pagamenti ghall-approvazzjoni tal-Kunsill ghas-somma ta’ €21,029.62

4.2 – Il-membri tal-Kunsill approvaw.

4.3 – Is-Sindku f’isem il-Kunsilliera w l-istaff, irringrazzja hafna lill-Agent Segretarju, is-Sur Kevin Borg tas-servizz li ta lill-Kunsill matul is-snin kollha.

**Kunsill Lokali Paola**

## 5) <u>Aggornament</u>

5.1 - Il-Laqgha giet maghluqa fis-6.30pm u aggornata ghal nhar l-Erbgha 19 ta' Frar 2014 fil-5.30pm.

Approvati llum 5 ta' Frar 2014

| | |
|---|---|
| Kevin Borg | Roderick Spiteri |
| *Acting Secretary* | Sindku |